# L-ORKIDI

*Edwin Lanfranco*

Fost il-fjuri tad-dinja, x'aktarx dawk li għandhom l-akbar faxxinu huma l-ORKIDI (*Orchids*) minħabba li dawn il-pjanti jipproduċu ward ta' ġmiel u kurżita kbira. Barra minn hekk l-orkidi huma pjanti x'aktarx rari u ta' kultivazzjoni diffiċli tant li l-fjuri tagħhom iġibu prezzijiet għoljin ħafna fl-industrija ta' l-ortikoltura. Minkejja r-rarita tagħhom l-orkidi jikbru mad-dinja kollha u fil-fatt huma l-akbar familja ta' pjanti b'xi 18,000 il-speċi differenti. Ħafna mill-orkidi li jintużaw għat-tiżjin huma speċi tropikali li jikbru mdendlin mal-friegħi tas-siġar tal-ġungla. Pjanti li jikbru b'dan il-mod jissejħu *epifiti* u jikbru b'dan il-mod sabiex ikunu eqreb lejn id-dawl u għaliex is-siġar jipprovdu *humus* li huwa nutrienti ħafna. Ta' min isemmi li fost l-orkidi insibu wkoll il-pjanta tal-vanilja illi l-imżiewed tagħha jipprovdu s-sustanza ta' dak l-isem.

F'Malta wkoll insibu numru ta' orkidi slavaġ, iżda dawn ma' jgħammrux fuq is-siġar imma huma pjanti tax-xagħri u tal-widien. L-orkidi li jikbru Malta għandhom qishom żewġ basliet taħt l-art. Dawn il-*basliet* ngħidulhom tuberi u fil-fatt huma żewġ egħruq imlaħħmin minħabba li jkun fihom ħażna ta' sustanzi għall-pjanta. Waħda minn dawn it-tuberi tkun minfuħa waqt li l-oħra tkun pjuttost mixruba (minħabba li waħda tkun qed taħżen is-sustanzi waqt li l-oħra tkun qed tużahom). Għalhekk wieħed mill-ismijiet Maltin li jintużaw għall-orkidi hu ĦAJJA U MEJTA. Jgħidulhom ukoll BAJDET IL-FENEK.

L-orkidi għandhom ħajja tassew interessanti. Biex tinbet iż-żerriegħa jinħteġilha li tiġi ppenetrata minn xorta ta' fungu mikroskopiku. Permezz ta' dan il-fungu l-orkida tkun tista' tieħu s-sustanzi biex tikber. L-ewwel ftit snin ta' ħajjitha l-orkida tqattagħhom taħt l-art fl-għamla ta' zokk żgħir li jiddependi għal kollox fuq il-fungu li jkollu fl-egħruq. Fl-aħħar jitfaċċaw il-weraq u għalhekk il-pjanta tkun tista' tibni l-ikel tagħha permezz tad-dawl tax-xemx (proċess li jissejjaħ fotosintesi) bħal ma jagħmlu pjanti ħodor oħrajn. Jiffurmaw ukoll it-tuberi minħabba l-fatt li l-weraq jinxfu fis-sajf u għalhekk l-orkida tqatta' s-sajf taħt l-art u tiddependi fuq dawn it-tuberi biex tkun tista' terġa' tnibbet meta tasal il-ħarifa. Wara li jkunu għaddew xi ftit snin oħra l-orkida tkun żviluppat biżżejjed biex tagħmel il-ward.



*Tuberi ta' orkida fid-daqs naturali.*



*Warda tan-Naħla Komuni*
***(Ophyrys bombylifora)***
*(mkabbra għall-tlett darbiet)*

Il-ward tal-orkidi huma ta' għamla komplikata u kurjuża tassew. Dawn jiddakkru minn insetti u l-ward tal-orkidi għandhom ħafna modi biex jattiraw l-insetti u jiddakkru minnhom. Il-warda tipproduċi n-nektar, likwidu ħelu li jiġbed l-insetti. L-għamla il-kulur u d-disinn tal-warda huwa wkoll importanti ħafna biex jattira l-insetti. IL-ĦAJJA U MEJTA TAT-TIKKI li tidher fuq il-qoxra ta' wara għandha disinn li bih tiggwida l-insett lejn fejn jinsab in-nektar. Orkidi oħrajn (li jinsabu fil-ġeneru *Ophyrs*) għandhom parti tal-fjura f'għamla ta' insett u għalhekk xi wħud għandhom ismijiet bil-Malti bħal NAĦLA, ŻUNŻANA, BRIMBA u DUBBIENA. Uħud min dawn jixbħu l-mara ta' ċerti naħal u n-naħal irġiel jiġu biex jgħammru magħha. Oħrajn jixbħu xi naħla oħra u għalhekk naħal jiġu jattakkawhom biex mingħalihom ikeċċuhom, iżda fil-fatt idakkruhom. Meta nsett iżur warda ta' orkida, il-pollen jeħel ma' l-insett (fl-orkidi l-pollen jifforma qishom pakketti jwaħħlu) li mbagħad jieħdu fuq orkida oħra. Wara li l-warda tkun iddakkret, tifforma miżwed li jkun mimli b'għadd immens ta' żerriegħa rqiqa. L-orkidi fil-fatt huma l-pjanti li jipproduċu l-aktar numru ta' żerriegħa li hu wkoll l-iżgħar fid-daqs. Dan in-numru kbir ta' żerriegħa jiġi prodott għaliex numru żgħir ħafna jkollhom iċ-ċans li jaqgħu f'ambjent addattat u jiltaqgħu mal-fungus li jinħtieġilhom biex jinbtu.

Rajna kif l-orkidi jdumu ħafna biex jiżviluppaw u diffiċli ħafna li jibdew il-ħajja. Huwa għalhekk li l-orkidi huma daqstant rari. F'Malta ngħoddu xi 25 speċi ta' orkidi differenti li fil-maġġoranza tagħhom huma rari, tant li ta' xi wħud jeżistu biss xi waħda jew tnejn filwaqt li xi oħrajn aktarx li spiċċaw. Uħud mill-orkidi Maltin huma ta' nteress partikolari. L-Orkida PIRAMIDALI TA' MALTA (magħrufa xjentifikament bħala *Anacamptis urvilleana* f'ġieh l-esploratur u botaniku magħruf Franċiż J. Dumont d'Urville li żar Malta fl-1819) tinsab fil-gżejjer Maltin biss. Din tagħmel il-ward tagħha bejn Frar u April. Il-ward tagħha huma roża ċar jew bojod. Insibu wkoll l-ORKIDA PIRAMIDALI KOMUNI li hija akbar mill-Orkida Piramidali ta' Malta filwaqt li l-ward tagħha, ta' kulur iżjed karg, tagħmilhom matul Mejju. Orkida oħra, magħrufa bħala BRIMBA SEWDA wkoll li aktarx tinsab Malta biss iżda din jinħteġielha aktar studju. Fost l-orkidi li m'għadhomx jeżiżtu Malta hemm in-NAĦLA (*Ophrys apifera*) li dari kienet tinsab il-Fiddien u l-Ġnejna. L-aħħar li dehret kien fl-1954! L-orkida li r-ritratt tagħha jidher fil-qoxra ta' wara hija l-ĦAJJA U MEJTA TAT-TIKKI (*Orchis lactea*). Din ma' tantx hija rari u tagħmel il-ward tagħha f'Jannar. L-orkidi huma fost l-aktar ħlejjaq affax-xinanti u rari li jeżistu. Huma parti mportanti mill-wirt naturali ta' pajjiżna u aħna fid-dmir li nħarsuhom. ●